

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1347**tas-27 ta' Ġunju 2023****li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni (¹),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Netherlandiż,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 (²), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenza tas-Sa Wilhelmina Johanna Gerarda DELISSEN-VAN TONGERLO, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, rappreżentanta ta' korp lokali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *burgemeester van de gemeente Dongen* (Sindku tal-muniċipalitā ta' Dongen), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, rappreżentanta ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *burgemeester van de gemeente Dongen* (Sindku tal-muniċipalitā ta' Dongen), hija b'dan maħtura bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ġunju 2023,

*Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL*

(¹) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

(²) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).